MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2012

Rikors Numru. 513/2012

**HSBC Bank Malta p.l.c.**
**vs**
**Emanuel Ciantar u Diane Ciantar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta’ Emanuel Ciantar tal-25 ta’ Mejju 2012 fejn talab li l-Qorti thassar l-avviz tal-bejgh b’subbasta tal-proprjeta hemm imsemmija appuntata ghall-31 ta’ Mejju 2012 peress illi Diane Ciantar ma tirrisjedix f’Malta u kwindi n-notifika bl-affissjoni u pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u dik lokali mhix valida;

Rat li rikors identiku kien gia gie maghmul fil-15 ta’ Mejju 2012 u michud mill-Qorti diversament presjeduta fis-16 ta’ Mejju 2012 billi l-Qorti ddegretat li n-notifika kienet valida;

Rat li l-Qorti appuntat dan ir-rikors ghas-smigh ghat-30 ta’ Mejju 2012 fejn semghet lix-xiehda fosthom lil missier, omm u oht Diane Ciantar li wkoll pprezentaw affidavit;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw ir-rikors;

Semghet lid-difensur tal-bank li sahaq li ma gewx ottemperati d-disposti tal-artikolu 326 tal-Kap. 12 u ghalhekk dan ir-rikors ma kellux jigi mismugh u illi fil-mertu ma ngibitx prova li Diane Ciantar hi assenti minn Malta;

Ir-rikors thalla ghad-digriet.

**Ikkunsidrat**

Illi kwistjoni li ma tqajmitx mid-difensuri tal-partijiet hi dwar il-validita tad-digriet tal-Qorti diversament presjeduta rigward l-istess mertu identiku ta' dan ir-rikors hekk kkif degretat mill-Qorti fis-16 ta' Mejju 2012.

F'dan ir-rikors ma ntalbitx ir-revoka ta' dak id-digriet kwindi safejn tista' tara din il-Qorti dak degretat minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-16 ta' Mejju 2012 jibqa' validu sakemm ma jintalabx li dak id-digriet jigi b'xi mod skartat kif titlob il-ligi. Digriet ta' Qorti ma jigix injorat semplicement billi jigi prezentat rikors identiku iehor minghajr ma jintalab li dak id-digriet jigi mnehhi. Imkien fir-rikors odjern ma saret din it-talba u ghal din ir-raguni biss, din il-Qorti tista' tissofferma ruhha hawn u tastjeni milli tkompli tieghu konjizzjoni tar-rikors.

Pero l-Qorti tmur oltre. It-talba tar-rikorrenti hi wahda vaga. Fi proceduri ta' eskuzzjoni ta' titolu ezekuttiv bhal f'dan il-kaz fejn si tratta ta' bejgh ta' immobbli, u fl-istadju li waslu l-proceduri, cioe wara li l-Qorti gia ddegretat l-ordni tal-bejgh bid-data, hin u lok ghal bejgh, ir-rikorrenti ghandu zewg toroq miftuhin ghalih f'dan l-istadju cioe jew jitlob is-sospensjoni tas-subbasta ghar-ragunijiet li taghti l-ligi skond l-artikolu 326 tal-Kap. 12 jew ir-revoka tal-att ezekuttiv innifsu skond l-artikolu 281 tal-Kap. 12.

Ir-rikorrenti qaghad attent fit-talba tieghu fejn filwaqt li t-talba ghall irritwalita tan-notifika ma taqax fl-ambitu ta' talba ghar-revoka tal-mandat billi ma jidhirx li r-rikorrenti qed jattakka t-titolu jew l-ezekuzzjoni tat-titolu, pero din it-

talba twassal, ghalkemm ma jinghadx mir-rikorrenti,ghas-sospensjoni tal-bejgh minhabba nuqqas ta' notifika valida biex isir il-bejgh. Tali talba tista' tigi dezunta mill-mod kif saret it-talba u l-effetti taghha jekk tintlaqa'. F'dan il-kaz ir-rikorrenti pero naqas li jissodisfa d-dettami tal-ligi fl-artikolu 326(2) u (3) fejn (1) flimkien mar-rikors irid isir depozitu tal-ispejjez tas-sospensjoni, kondizzjoni li ma gietx mharsa u (2) r-rikors ma jkunx sar entro sebat ijiem mid-data tas-subbasta, stat ta' fatt li jirrizulta bil-kuntrarju. Ma jistax ir-rikorrenti jissottometti li ma kienx jaf bir-raguni tas-sospensjoni qabel dik id-data ghax kif inghad aktar il-fuq kien gia sar rikors identiku fil-15 ta' Mejju 2012 u gie michud.

Ghalhekk anki ghal din ir-raguni r-rikors ibbazat fuq is-sospenzjoni tas-subbasta ghar-raguni allegata mir-rikorrenti ma tistax tigi mistharrga.

Minhabba f'dawn ir-ragunijiet il-Qorti ma jidhrilhiex li hu opportun li tidhol fil-mertu tan-notifika li saret stante li din giet dikjarata valida bid-digriet tas-16 ta' Mejju 2012 liema digriet mhux qed jigi kontestat, salv id-drittijiet tal-partijiet kollha interessati si et quatenus.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti tqis li dan ir-rikors ma jistghax jigi mistharreg peress illi r-rikorrenti mhux qed jitlob li jigi revokat id-digriet tas-16 ta' Mejju 2012 in mertu tal-istess talba identika ghal din in kwistjoni liema digriet ghadu validu u jaghmel stat bejn il-partijiet u fit-tieni lok ir-rikorrenti li in effett bit-talba vaga tieghu qed jitlob is-sospensjoni tas-subbasta ma ottemperax ruhu mad-dispost tal-artikolu 326(2) u (3) tal-Kap. 12.

Spejjez ghar-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------